# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 10 ta' Ottubru 2017**

**Numru 2**

**Citazzjoni numru 1049/05 AF**

**Is-socjetà Allwares Limited C369, John Spiteri Debono, Joseph Anthony Spiteri Debono f'ismu proprio u bhala mandatarju tal-assenti Ronald Spiteri Debono u n-Nutar Anthony Spiteri Debono**

**v.**

**Emanuel Cuschieri u Tereza mart l-istess Emanuel Cuschieri u b'digriet tal-Qorti tat-18 ta' Gunju 2009, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat it-trasfuzjoni tal-atti wara l-mewt ta' Tereza mart Emanuel Cuschieri favur Duncan, Dione, Simon u Vanessa mart Edwin Camilleri**

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment fuq rikors datat 17 ta' Marzu, 2017 ta' Emanuel Cuschieri et wara li l-appell li ressqu kontra s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ġie dikjarat deżert minn din il-Qorti fl-14 ta' Marzu, 2017

peress illi l-proċeduri bil-miktub ma ġewx magħluqa fi żmien li trid il-liġi. Ir-raġuni għat-talba għar-revoka tad-digriet ta' deżerzjoni hija msejjsa fuq il-fatt li, skont huma, is-soċjetà Allwares Limited aġixxiet b'mod skorrett u induċithom fi żball.

Eżaminati l-atti, din l-allegazzjoni ma tikkonvinċix lill-Qorti. Hu veru illi meta l-proċeduri odjerni infethu, is-soċjetà Allwares Limited u l-atturi l-oħra pprovdew indirizz wieħed, iżda xorta tibqa' l-ħtieġa li l-atturi kollha u separatament kellhom jiġu notifikati bl-appell li ressqu l-konvenuti. L-indirizz wieħed mogħti huwa l-indirizz tal-atturi kollha appellati, u t-tlett atturi kellhom jiġu notifikati f'dak l-indirizz.

In-notifika tar-rikors tal-appell kellha ssir, allura, lit-tlett atturi fl-istess indirizz. Ir-rikors ġie ppreżentat fis-27 ta' Ġunju, 2013. Fit-2 ta' Lulju, 2013, ġew reġistrati tlett riferti negattivi, fis-sens li ħadd mill-atturi ma ġie notifikat bir-rikors. Għal <u>erba' snin sħaħ</u> ma tħallset ebda żieda biex tiġi ittentata notifika oħra.

Dan ifisser li l-atti bil-miktub ma ġewx magħluqa fit-terminu ta' sena li trid il-liġi.

Fl-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, dik tal-14 ta' Frar, 2017, kienet preżenti l-avukat tal-appellanti, u wara li ġie verbalizzat li l-appellati

kienu għadhom mhux notifikati, kif tippermetti l-liġi fl-Artikolu 963(3) tal-Kap. 12, din il-Qorti tat opportunità lill-appellanti jinnotifikaw lill-appellati; dan iċ-ċans ingħata sal-14 ta' Marzu, 2017, u skont l-istess liġi din l-opportunità tingħata "*għal darba wahda biss*".

F'dan ix-xahar żmien, l-appellanti għamlu attentat wieħed biss biex issir in-notifika, u wara riferti negattivi datati 23 ta' Frar, 2017, ma sar ebda tentattiv ieħor ta' notifika, lanqas ma intalbet notifika wara l-ħinijiet legali jew bil-proċedura ta' pubblikazzjoni u affissjoni.

Fid-9 ta' Marzu, 2017, id-difensur tal-appellanti rċeviet kopja ta' risposta tal-appell li kien jidher ċar saret mis-soċjetà Allwares Limited biss. Din iċ-ċirkostanza kellha tindika żgur lid-difensur tal-appellanti li kien hemm xi problema dwar in-notifika tar-rikors tal-appell liż-żewġ atturi l-oħra, pero`, ma sar ebda tentattiv ta' notifika fil-ħamest ijiem li kien fadal biex l-atti jiġu magħluqa.

Jidher ċar, fil-fehma ta' din il-Qorti, li l-konvenuti appellanti wrew traskuraġni grassa f'dan il-każ. Hu dmir tagħhom li jaraw li l-atti quddiem din il-Qorti jingħalqu, fl-ewwel lok, fi żmien sena mill-preżentata tal-appell, pero`, għal tul ta' erba' snin traskuraw b'mod lampanti dan id-dover tagħhom. Barra minn dan, wara li ħallew erba' snin jgħaddu ghal xejn, l-appellanti ngħataw xahar żmien ulterjuri biex jagħmlu dak li

kellhom jagħmlu; dan it-terminu tħalla wkoll jiskadi inutilment. Dan ma hux każ fejn l-appellanti għamlu minn kollox biex jipprovaw ikunu konformi mal-liġi, iżda każ fejn traskuraw obbligu impost fuqhom li jaraw li l-atti bil-miktub jingħalqu fiż-żmien li trid il-liġi. Id-diffikultajiet li sabu ma' wiċċhom biex jinnotifikaw lill-appellati ma kienux insormontabbli, iżda l-appellanti ma fittxewx jinqdew mill-varji għodda li tipprovdi l-liġi għal dan l-iskop.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mir-rikors ta' Emanuel Cuschieri et tas-17 ta' Marzu, 2017, billi tiċħad l-istess, bl-ispejjeż marbuta ma' dan l-inċident jitħallsu mir-rikorrenti in solidum.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Reġistratur
mb